



Brussell, 9 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14506/22

FRONT 415
COWEB 149
MIGR 342

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	14061/22 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Ħerzegovina – Adozzjoni

1. Fil-25 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Ħerzegovina, akkumpanjata minn direttivi ta' negozjati, kif jinsabu fid-dokument 14061/22 + ADD 1.
2. Fil-laqgħa tagħhom fit-28 ta' Ottubru 2022, il-Kunsillieri ĠAI eżaminaw ir-rakkomandazzjoni u d-direttivi ta' negozjati msemmijin hawn fuq. Il-proposta nġhatat appoġġ mifrux.
3. Wara r-reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti, it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill jinsab fid-dokument 14138/22.

4. Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi disposizzjonijiet tal-acquis¹ ta' Schengen. Għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
5. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub
 - jistieden lill-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Herzegovina dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Herzegovina, kif tinsab fid-dokument 14138/22, li tirreferi għad-direttivi ta' negozjati li jinsabu fid-dokument 14138/22 ADD 1, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss; u
 - jitlob il-pubblikazzjoni tat-test tad-deċiżjoni kif adottata mill-Kunsill f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

¹ ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.